MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2015

Rikors Numru. 127/2013

**Eugene Cardona**

**Vs**

**L-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta maghrufa ukoll bhala**

**Transport Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' Eugene Cardona datat 12 ta' Lulju 2013 li permezz tieghu ippremetta s-segwenti:-

*"*

1. *Illi fil-25 ta' Gunju 2013 l-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta maghruf ukoll bhala Transport Malta tat id-decizjoni hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "A" fil-konfront tal-esponent;*

2. *Illi permezz ta' decizjoni moghtija mill-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta maghruf ukoll bhala Transport Malta (Transport Malta) u kommunikat lill-esponent permezz ta' ittra mibghuta lilu datata l-25 ta' Gunju 2013 (Dokument "A" – anness), l-istess Transport Malta imponiet mija u ghoxrin (120) punt ta' penali kontra l-esponent bhala "tester in accordance with regulation 21, item 17 and 29 of the Twelth Schedule to the Regulations" (S.L. 65.15);*

3. *Illi l-esponenti hass ruhu aggravat bid-decizjoni precitata tal-25 ta' Gunju 2013 moghtija minn Transport Malta kif esposta fl-istess ittra (Dokument "A") senjatament peress illi l-imsemmija decizjoni hija nulla u minghajr ebda effett fil-ligi, ma hijiex konformi mal-ligi, ma hijiex ekwu u gust u ma tikkonformax ruha mal-principji tal-gustizzja naturali u ghalhekk qed jinterponi umli appell mill-istess a tenur tal-artikolu 31(14) tal-Att Dwar l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta (Kap 332 tal-Ligijiet ta' Malta) u dana ghas-segwenti ragunijiet:*

   a. *L-ewwel u qabel kollox ghandu jinghad illi l-imsemmija decizjoni tal-25 ta' Gunju 2013 (Dokument "A") hija leziva tad-drittijiet fundamentali tal-esponent hekk kif protetti mill-artikolu 6 tal-Ewwel skeda tal-Kap 319 tal-ligijiet ta' Malta, u dana peress illi tali decizjoni ttiehdet mill-istess Transport Malta li allegat l-irregolaritajiet fil-konfront tal-esponent u inghatat minghajr ma l-esponent kellu dritt ghal smigh xieraq, cioe' minn tribunal jew qorti indipendenti li setghet u li kienet qed tosserva l-principji legali bazilari ta' "nemo iudex in causa propria";*
   b. *Illi di piu' l-imsemmija decizjoni tal-25 ta' Gunju 2013 (Dokument "A") ma hijiex konformi mal-ligi, ma hijiex ekwu u gust u ma tikkonformax ruha mal-principji tal-gustizzja naturali in kwantu li hija nieqsa mill-grad ta' motivazzjoni rikjesta mill-ligi u anke peress illi r-ragunijiet li fuqhom hija bbazata l-istess decizjoni ma humiex riflessi f'dik id-decizjoni. L-imsemmija lanqas ma tghid kemm il-penalty point gie penalizzat l-esponent b'riferenza ghal kull allegata irregolartita' – hara li, bir-rispett kollu, l-esponent kellu kull dritt illi jigi maghraf biha;*
   c. *Illi f'kwalunkwe kaz ukoll l-imsemmija decizjoni tal-25 ta' Gunju 2013 (Dokument "A") ma hijiex konformi mal-ligi, ma hijiex ekwu u gust u ma tikkonformax ruha mal-principji tal-gustizzja naturali in kwantu li l-esponent kien, skond l-istess provvedimenti kostituzzjonali precitati, intitolat ghal smigh xieraq **<u>qabel</u>** ma titiehed decizjoni fil-konfront tieghu;*
   d. *Illi f'kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-allegazzjoni hekk kif vantata fl-imsemmija decizjoni tal-25 ta' Gunju 2013 (Dokument "A") li kienu gew kommessi irregolaritajiet da parti tal-esponent hija infondata fil-fatt u fi dritt u dan kif ser jigi ppruvat bl-aktar mod lampanti fil-mori tas-smigh ta' din il-kawza;*
   e. *Illi f'kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, daqstant iehor, l-allegazzjoni li l-allegati irregolaritajiet deskritti fl-imsemmija decizjoni tal-25 ta' Gunju 2013 (Dokument "A") (cioe' dawk li skond l-Awtorita' jikkonsistu fi: "the vehicle failed the brake test and had a torn bellow on the inner left hand drive shaft") kellhom jinstabu minnu fil-waqt meta ghamel il-VRT test fuq il-vettura bin-numru ta'*

*registrazzjoni "XAR225" fl-14 ta' Gunju 2013, u dan kif ser jigi ppruvat bl-aktar mod lampanti fil-mori tas-smigh ta' din il-kawza;*

f. *Illi oltre dan l-esponent kien ben gustifikat li jirrilaxxa certifikat li l-imsemmija vettura kienet ghaddiet mill-VRT test, u dan kif ser jigi ppruvat bl-aktar mod lampanti fil-mori tas-smigh ta' din il-kawza;*

g. *Illi ghalhekk l-penalty points imposti fuq l-esponent permezz l-imsemmija decizjoni tal-25 ta' Gunju 2013 (Dokument "A") huma nulli u minghajr effett fil-ligi;*

*Ghaldaqstant l-esponent, filwaqt illi jirreserva li jressaq dawk il-provi kollha permessi mill-ligi u jghamel dawk is-sotomissjonijiet kollha permessi mill-ligi, jitlob lil dan it-Tribunal sabiex jirrevoka d-decizjoni ta' Transport Malta tal-25 ta' Gunju 2013 (Dokument "A") u tiddeciedi minflokk billi thassar ghal kollox u tannulla l-penalty points, imposti fuq l-esponent skond l-imsemmija ittra ta' Transport Malta tal-25 ta' Gunju 2013 (Dokument "A")."*

Ra r-risposta tal-Awtorita ghat-Trasport f'Malta datata 5 ta' Awissu 2013 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

*"Illi in linea preliminari, isem l-Awtorita` intimata huwa indikat hazin ghaliex m'huwiex 'L-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta' izda 'L-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta'.*

*Illi l-kwistjonijiet kollha mqajma fis-sens li kien hemm lezjoni tad-drittijiet fundamentali tal-esponent ghal smiegh xieraq huma kompletament bla bazi ghaliex fl-ewwel lok tali kwistjonijiet jistghu jitqajmu biss quddiem dawk il-qrati vestiti bil-gurisdizzjoni biex jiddeciedu kawzi ta' indoli kostituzzjonali (xi haga li m'huwiex vestit bih, b'kull rispett, dan it-Tribunal) u, fit-tieni lok, l-Awtorita` rispondenti ghandha l-poter skont il-ligi – u lanqas jista' jkun altrimenti – illi tiddeciedi jekk kien hemm nuqqas da parti tar-rikorrent u timponi l-penali appozita u mbaghad ir-rikorrent ghandu d-dritt skont il-ligi li jappella minn tali decizjoni – kif fil-fatt qed jaghmel – quddiem dan l-Onorabbli Tribunal illi certament huwa enti aggudikattiva indipendenti u imparzjali u jsemma' lehnu u jaghmel ir-rapprezentazzjonijiet kollha li jidhirlu xierqa in rispett komplet tal-principji tal-fair hearing. Konsegwentement tali lanjanza hija kompletament bla bazi u ghandha tigi sommarjament michuda.*

*Illi similment hija kompletament bla bazi wkoll il-lanjanza ventilata mir-rikorrent fis-sens illi d-decizjoni moghtija mill-Awtorita` rispondenti u li minnha qed isir dan l-appell odjern hija leziva tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent ghaliex hija nieqsa mill-grad ta' motivazzjoni rikjesta mil-ligi. Id-decizjoni moghtija hija wahda cara u sufficjentement motivata tant li r-rikorrent seta' facilment iressaq l-aggravji tieghu fl-appell minnu interpost anke fuq il-mertu tal-kaz. Ghalhekk dan l-aggravju huwa wkoll kompletament infondat u ghandu jigi michud.*

*Illi, fil-mertu, ir-rikors prezentat mir-rikorrent huwa kompletament infondat fil-fatt u fid-dritt u t-talba minnu maghmula ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi d-decizjoni in kwistjoni hija legali, gusta u ghalhekk timmerita li tigi kkonfermata.*

*Illi l-Awtorita` intimata f'dan il-kaz ghamlet l-indagni taghha sew, korrettement u bl-ikbar responsabbilta` - u dan kif se jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza – u mir-rizultanzi ottenuti minn tali indagini l-Awtorita` intimata pprocediet sabiex, skont kif inhu stabbiliti mil-ligi, tohrog l-avviz li qed jigi attakkat mir-rikorrent u timponi s-sanzjonijiet kif previst fl-L.S. 65.15.*

*Illi assolutament m'huwiex minnu dak li qed jigi allegat mir-rikorrent fis-sens li huwa kien "ben gustifikat li jirrilaxxja certifikat li l-imsemmija vettura kienet ghaddiet mill-VRT test" stante illi l-vettura de quo agitur kienet, fil-mument illi sarilha l-imsemmi VRT test, affetta minn irregolaritajiet li minhabba fihom ma kellu jinhareg qatt ic-certifikat mahrug mir-rikorrent fis-sens illi tali vettura kienet ghaddiet mill-VRT test. Dan kif se jigi ampjament pruvat fit-trattazzjoni ta' dan l-appell.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."*

Ra l-verbal tas-26 ta' Novembru 2013 fejn id-difesnur tar-rikorrent b'referenza ghall-ewwel eccezzjoni talab korrezzjoni fl-okkju fis-sens li isem l-Awtorita` intimata jigi jaqra "L-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta maghruf ukoll bhala Transport Malta";

Ra li fl-istess seduta it-Tribunal laqa' l-istess talba;

Sema' x-xhieda ta' Vincent Azzopardi,[1] ta' Angelo Cardona,[2] tar-rikorrent,[3] ta' Lino Abela,[4] ta' Joseph Mifsud,[5] ta' George Farrugia,[6] u ta' Clayton Zerafa;[7]

Ra d-dokumenti kollha pprezentati;

---

[1] A fol. 28 sa 40, fol 41A sa 41H u a fol. 50
[2] A fol. 46 sa 47
[3] A fol. 58 sa 65 u a fol. 68 sa 77 u a fol. 136 sa 144
[4] A fol. 91 sa 95 u a fol. 105 sa 110, a fol.112 sa 121
[5] A fol. 97 sa 104
[6] A fol. 145 sa 151 u minn gol. 154 sa fol. 159
[7] Minn fol. 169 sa fol. 173

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi l-esponent hassu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 25 ta' Gunju 2013 li permezz taghha gie infurmat bis-segwenti:-

*"Re: Post VRT Inspection on vehicle bearing registration number XAR225*

*Please be advised that on the 14th June 2013, Transport Malta Technical Officers carried out a post VRT inspection on the above mentioned vehicle in your station.*

*During the inspection carried out by Transport Malta, the vehicle failed the brake test and had a torn bellow on the inner left hand drive shaft.*

*It also results that the VRT test was conducted by you on the 14th June 2013 and a pass test was issued (Certificate No: C2879060). However, the pass test record data sheet shows that the Service brake efficiency test was not carried out.*

*This is in breach of the conditions for testers as stipulated in regulation 14 of the Motor Vehicle (Roadworthiness Test) Regulations (S.L. 65.15) (the Regulations).*

*In view of the above, please be informed that a total of 120 points are being imposed on your entry as a tester in accordance with regulation 21, item 17 and 29 of the Twelfth Schedule to the Regulations.*

*We also draw your attention to your right of appeal from this decision in terms of regulation 22 of the Regulations."*

Illi fir-rikors tal-appell odjern, ir-rikorrent iqajjem numru ta' aggravji, uhud rigwardanti lezjonijiet tad-drittijiet fundamentali tieghu. Illi irid jinghad minnufih illi dan it-Tribunal mhux kompetenti li jippronunzja ruhu fuq kwistjonijiet ta' lezjoni ta' tali drittijiet. Dan huwa certament il-kompetenza ta' *forum* iehor.

Illi preliminarjament ir-rikorrent jallega illi d-decizjoni appellata mhix konformi mal-ligi, ma hijiex ekwa u gusta u ma tikkonformax ruhha mal-principji ta' gustizzja naturali in kwantu hija nieqsa mill-grad ta' motivazzjoni rikjesta mil-ligi u anke peress illi r-ragunijiet li fuqhom hi bazata ma humiex riflessi f'dik id-decizjoni. Jilmenta wkoll mill-fatt illi d-decizjoni naqset li tindika kemm il-*penalty point* gie penalizzat ghal kull allegata irregolarita`.

Illi t-Tribunal jaghmel referenza ghal Regolament 21 (2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 (Regolamenti Dwar *Test*ijiet Biex Jiccertifikaw Li Vetturi Bil-Mutur Huma Tajba Ghat-Triq) li jghid:-

*" Meta operatur jonqos milli jhares il-kondizzjonijiet stabbiliti ghall-operaturi taht dawn ir-regolamenti u meta persuna li tittestja tonqos milli thares il-kondizzjonijiet li jinsabu f 'dawn ir-regolamenti ghall-persuni li jkollhom licenza biex jittestjaw, l-**Awtorità ghandha taghti lill-operatur jew lill-persuna li tittestja, skond ma jkun il-kaz, avviz bil-miktub li jkun jispecifika l-ksur tal-kondizzjonijiet, in-numru adatt ta' punti ta' penalità li jkunu ser jitnaqqsu lill-operatur jew lil l-persuna li tittestja, il-multa amministrattva li tkun ser tigi imposta fir-rigward ta' vjolazzjonijiet imwettqa mill-operatur, u l-perjodu li fih għandha tiġi mħallsa l-multa amministrattiva skont is-subregolament (5).** L-avviż għandu jgħid ukoll li n-nuqqas ta' ħlas tal-multa fil-perjodu msemmi jwassal għas-sospensjoni tal-awtorizzazzjoni ta' operatur u għall-impożizzjoni ta' multa kuljum skont id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (7)."*

Illi mid-decizjoni appellata jidher li r-rikorrent gie infurmat b'liema irregolaritajiet kien kiser, gie infurmat ukoll bin-numru ta' punti ta' penali` u l-

multa amministrattiva korrispettiva. Illi ghaldaqstant jirrizulta illi ghalkemm ingibed total bhala punti ta' penali`, l-Awtorita`, fl-istess decizjoni, indikat li n-nuqqasijiet riskontrati kienu jaqghu taht partita 17 u 29 tat-Tnax-il Skeda tar-Regolamenti fuq imsemmija. Illi ghalhekk, ir-rikorrent seta' facilment ikun jaf kemm kienu l-punti ta' penali` rispettivi. Illi dan it-Tribunal ghamel hu stess dan l-ezercizzju u vverifika li n-numru ta' punti ta' penali' ghal partita 17 u 29 fil-fatt jammontaw ghal 100 punt fil-kaz ta' partita 17 (meta wiehed jinjora difett fil-brejkijiet primarji) u ghal 20 punt fil-kaz ta' item 29 (meta wiehed jinjora hsara fil-*half shaft bellow)*, u cioe` total ta' 120 punt, b'liema ammont gie penalizzat ir-rikorrent.

Illi fir-rigward tal-ilment tar-rikorrent illi d-decizjoni tippekka in kwantu mhix motivata kif rikjesta mil-ligi, it-Tribunal josserva illi l-ligi ma ssemmi xejn li l-istess decizjoni ghandha tkun motivata. Naturalment izjed kemm decizjoni tkun motivata iktar ikun ahjar ghall-persuna li lilha tkun indirizzata ghaliex tpoggiha f'posizzjoni li tevalwa ahjar il-posizzjoni taghha. It-Tribunal, pero iqis li t-taghrif moghti fl-istess decizjoni u cioe li l-vettura in kwistjoni ma ghaddietx mill-*brake test* u li kellha *bellow* imqatta' huma motivazzjoni bizzejjed biex ir-rikorrent tpogga f'posizzjoni li jkun jaf ir-raguni tal-imposizzjoni tal-punti ta' penali.

Illi sorvolati dawn il-punti preliminari, it-Tribunal se jghaddi biex jinvesti l-mertu proprju tal-kwistjoni u cioe jekk ir-rikorrent kienx ikkonduca l-VRT skond il-ligi jew le.

Illi s-sid tal-vettura in kwisjtoni, u cioe Vincent Azzopardi, xehed li huwa kien *car dealer* u li qabel tella' l-vettura ghall-VRT kien hadha ghand mekkanik u ghamel xi xogholijiet fuqha. Jispjega illi l-vettura m'ghaddietx mill-ewwel mill-VRT u rega' mar bil-vettura ghand il-mekkanik u mbaghad meta l-vettura telghet ghall-VRT it-tieni darba ghaddiet. Illi x-xhud esebixxa wkoll ricevuta mahruga minn Autojoe Motor Mechanic datata 12 ta' Gunju 2013 fejn hemm imnizzel is-segwenti:-

"Peugeot XAR 225

4 *Bellow* changed

All *Brakes*

Rear Tail Gate Lock

Gear links

Badges and Labour"[8]

Illi **<u>Angelo Cardona</u>**, bin ir-rikorrent, spjega illi huwa *VRT tester helper* ma' missieru. Jghid li meta sar il-VRT il-*bellows* kienu tajbin u li gara meta marru l-ufficjali tal-Awtorita' intimata kien li l-*bellow*, li kienet ghadha gdida, kemm kemm harget minn postha. Fir-rigward tal-brejkijiet jghid li meta dawn ikunu ghadhom godda daqqa jahdmu tajjeb u daqqa ma jahdmux ghax ikunu ghadhom ma qaghdux ezatt ma' xulxin.

Illi **<u>r-rikorrent</u>** xehed illi l-vettura in kwistjoni ma kinitx ghaddiet mill-VRT l-ewwel darba li kienet marret ghat-*test*. Illi meta regghet marret ghat-tieni *test* huma kienu it*test*jaw biss dawk l-affarijiet li kienet wahlet fuqhom u rrizultalhom li kollox kien sew. Jghid li fir-rigward tal-*bellow* din harget ftit minn postha ghax min kien qed isuq il-vettura kien hasadha ftit bl-isteering miksur. Jispjega illi l-brejkijiet m'ghaddewx peress li kienu inbidlu wara l-ewwel *test* u li sakemm karozza tinsaq cirka hames mitt mil ma jkunux efficjenti allavolja jkunu godda. Huwa jispjega li fl-ewwel *test* kien ghadda mill-*brakes* ghax kienu ghadhom mhux mibdulin.

Ix-xhud spjega illi l-ewwel *test* fuq il-vettura in kwistjoni sar fis-6 ta' Gunju 2013 fejn il-vettura m'ghaddiex fost affarijiet ohra minhabba l-*bellows*. Imbaghad it-

[8] Dok VA2 a fol. 44

tieni *test* sar fl-14 ta' Gunju 2013 fejn il-vettura ghaddiet minn dawk l-*items* li kienu gew *failed* fl-ewwel *test*.

Illi **Lino Abela**, *technical manager* mal-Awtorita' intimata, qal li l-Awtorita' dahlitilha informazzjoni anonima li xi hadd kien qed jipprova jghaddi l-vettura in kwistjoni mill-VRT. Jispjega li meta kienet se tithallas il-licenzja tal-istess vettura huma talbu li ssir spezzjoni fuq l-istess vettura u rega' sar VRT fil-garaxx tar-rikorrent. Jghid li fit-*test* li sar fis-6 ta' Gunju 2013 il-vettura ma kinitx ghaddiet mill-brejkijiet, pero nonostante dan il-brejkijiet ma regghux gew it*test*jati fl-14 ta' Gunju 2013.

**Joseph Mifsud**, *assistant technical manager* mal-Awtorita' intimata, spjega li huma regghu hadu l-vettura in kwistjoni fil-garaxx tar-rikorrent peress li skond huma ma kienx sar *test* fuq il-brejkijiet. Jghid li fit-*test* li sar fis-6 ta' Gunju 2013 il-vettura ma kinitx ghaddiet mit-*test* tal-brejkijiet u allura dan it-*test* kellu jerga jsir meta l-vettura regghet ittiehdet ghat-*test* fl-14 ta' Gunju 2013. Fil-konfront li sar max-xhud, ir-rikorrent qal li kien l-istess Mifsud li wara li l-vettura m'ghaddietx mill-brejkijiet huwa qallu biex jonfhilha ftit it-tyres u fil-fatt wara li dawn gew minfuha, it-*test* tal-brejkijiet gie "pass".

**George Farrugia**, *technical officer* mal-Awtorita' intimata, stqarr illi fis-6 ta' Gunju 2013 huwa kien qed jaghmel spezzjonijiet ta' rutina u mar fil-garaxx tar-rikorrent u assista ghall-VRT tal-vettura in kwistjoni, liema vettura ma ghaddietx mill-istess *test*. Jispjega li mbaghad fl-14 ta' Gunju 2013 f'xi s-2.00pm huwa kien mar mal-kollega tieghu Joseph Mifsud fil-garaxx tar-rikorrent biex isir *post VRT* fuq il-vettura in kwistjoni.

**Clayton Zerafa,** *technical officer* mal-Awtorita' intimata, spjega illi hu u l-kollega tieghu Joseph Mifsud kienu ghamlu spezzjoni fuq il-vettura il-vettura in kwistjoni u sabu li kellha *bellow* imqatta'. Mistoqsi jekk din il-*bellow* kinitx

semplicement mahruga minn postha u mhux imqatta’, ix-xhud jghid li huma rawha imqatta’.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi fuq il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni XAR 225 saru s-segwenti *test*ijiet mir-rikorrent u cioe:-

Fis-6 ta’ Gunju 2013 fl-10:20:02 fejn il-vettura m’ghaddietx mis-“service brake efficiency”, mill-“headlights” u mis-“sound”;[9]

Fis-6 ta’ Gunju 2013 fl-10:30:36 fejn il-vettura m’ghaddietx mis-“sound” pero ghaddiet mis-“service brake efficiency” u mill-“headlights”;[10]

Fis-6 ta’ Gunju 2013 fl-10:31:38 fejn il-vettura regghet m’ghaddiex mis-“sound” pero ghaddiet mis-“service brake efficiency”;[11]

**(Dan ifisser li sa dan l-istadju, skond ir-rizultati murija fuq it-*test*, l-uniku *item* li sarlu t-*test* u gie “failed” kien is-“sound”).**

Fl-14 ta’ Gunju 2013 fil-11:29:55 fejn il-vettura ma sarilhiex it-*test* tas-“sound” u lanqas tas-“service brake efficiency”, pero` sarilha t-*test* tal-“gas” li gie “pass” liema *test* ma sarx fit-tlett *test*ijiet precedenti;[12]

Fl-14 ta’ Gunju 2013 fil-11:30:33 fejn il-vettura sarilha biss *test* ghall-“*brakes*” (front axle u rear axle) u r-rizultat kien ta’ “pass”;[13]

Fl-14 ta’ Gunju 2013 fil-11:35:34 fejn il-vettura sarilha biss it-*test* tas-“sound” u r-rizultat tat-*test* gie “pass”;[14]

Fl-14 ta’ Gunju 2013 fis-14:28:38 fejn il-vettura ghaddiet mill-*items* kollha, inkluz is-“service brake efficiency” li ta rizultat ta’ 89;[15]

[9] Dok JM2 a fol. 83
[10] Dok EC1 a fol. 57
[11] Dok EC2 a fol. 78
[12] Dok EC3 a fol. 79
[13] Dok LA4 a fol. 123
[14] A fol. 86
[15] Dok EC5 a fol. 81

Fl-14 ta' Gunju 2013 fis-14:29:14 fejn il-vettura m'ghaddietx mis-"service brake efficiency" bir-rizultat ikun 49 meta l-limitu hu ta' 50;[16]

Fl-14 ta' Gunju 2013 fis-14:29:14 fejn il-vettura m'ghaddietx mis-"service brake efficiency" bir-rizultat ikun 44 meta l-limitu hu ta' 50;[17]

Fis-17 ta' Gunju 2013 fis-14:28:38 fejn il-vettura sarilha *test* komplut u ghaddiet;[18]

Illi jirrizulta illi t-*test*ijiet li saru fl-14 ta' Gunju 2013 wara nofsinhar saru fil-garaxx tar-rikorrent fil-prezenza ta' zewg ufficjali tal-Awtorita` intimat u cioe George Farrugia u Joseph Mifsud.

Illi dan it-Tribunal josserva illi l-ewwel *test* li sar wara nofsinhar fl-14 ta' Gunju 2013 ta rizultat ta' 89 ghas-service brake efficiency, liema rizultat hu tajjeb hafna meta wiehed jikkonsidra li l-limitu ma jistghax ikun inqas minn 50. Jirrizulta illi wara minuta din l-efficjenza nizlet ghal 49 u 44 rispettivament. Illi stante li t-*test* sar fil-presenza tal-ufficjali tal-Awtorita` dan it-Tribunal jasal biex jikkondividi dak allegat mir-rikorrent u cioe li stante li l-*brakes* kienu ghadhom kemm inbidlu dawn riedu xi ftit taz-zmien biex jaghtu rizultat realistiku tal-efficjenza taghhom. Illi d-diskrepanza fi zmien ta' minuta ma tistghax tigi spjegata mod iehor. Illi dan it-Tribunal ghandu wkoll quddiemu ricevuta tat-12 ta' Gunju 2013, u cioe jumejn qabel sar it-*test* fil-presenza tal-ufficjali tal-Awtorita` intimat, minn fejn jirrizulta li tbiddlu kemm il-*brakes* kollha u kif ukoll il-*bellows*.[19]

Illi fir-rigward tal-*bellows*, gie spjegat illi t-*test* li jsir huwa wiehed vizwali u mhux bil-makkinarju. Illi r-rikorrent ipproduca ritratt tal-*bellow* kif kienet wara li sar il-*post VRT*[20] filwaqt li l-ufficjali tal-Awtorita` intimata ipprezentaw

[16] Dok EC4 a fol. 80
[17] A fol. 88
[18] A fol. 131
[19] Dok VA3 a fol. 54
[20] Dok EC8 a fol. 90

fotokopja ta’ ritratt tal-istess *bellow*.[21] Illi t-Tribunal josserva illi l-ispjegazzjoni li ta kemm ir-rikorrent u kemm it-tifel tieghu, Angelo Cardona, dwar l-istess *bellow* hija wahda plawsibbli. Jirrizulta illi fl-ewwel *test* li sar fis-6 ta’ Gunju 2013 ir-rikorrent kien gibed l-attenzjoni ta’ sid il-vettura li kien hemm bzonn jinbidlu xi uhud mill-*bellows* u dawn, skond kif jirrizulta mir-ricevuta Dok VA3 a fol. 54, inbidlu kollha. Illi mir-ritratt esebit mir-rikorrent jidher car li l-*bellow* ghadha pjuttost gdida u ghalhekk huwa plawsibbli li din harget xi ftit mis-*sleeve* minhabba xi moviment brusk li seta’ sar fil-manuvrar tal-vettura fil-hin tal-*post VRT*. Illi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi mill-provi prodotti, dak sostnut mir-rikorrent ghandu mis-sewwa u ghaldaqstant iqis li ma kienx hemm lok li jigi penalizzat fuq l-*item* tal-*bellow*.

Ghaldaqstant, it-Tribunal huwa tal-fehma illi r-rikorrent ghandu ragun jilmenta li d-decizjoni tal-Awtorita` intimata fil-konfront tieghu ghandha tigi revokata.

**DECIDE**

Ghalhekk, ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ l-appell tar-rikorrenti mid-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 25 ta’ Gunju 2013 u esebita bhala Dokument A mar-rikors promutur u konsegwentement ihassarha u jirrevokaha fit-totalita` taghha.

Bl-ispejjez kontra l-Awtorita` intimata.

## < Sentenza Finali >

[21] Dok EC7 a fol. 84

---------------------------------TMIEM---------------------------------